

Brussell, 24 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 29

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 38 final - Part 8/9
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa Sħubija Ewropea dwar Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 8/9.

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 8/9



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 8/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija Ewropea dwar Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar Sħubija Ewropea għal Ewropa ċirkolari b'bażi bijoloġika (CBE)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Hemm kemm problemi ekonomiċi kif ukoll ambjentali, li huma indirizzati b'mod parallel. Il-problema ewlenija hija d-“defiċit triplu” fil-livell tal-innovazzjoni, tal-adozzjoni fis-suq u tas-sostenibbiltà. B'riżultat ta' dan, l-attivitajiet tar-R&I mhumiex integrati biżżejjed fl-UE, li qed iwassal għal proċess ta' innovazzjoni aktar bil-mod. B'mod parallel, is-soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika maturi eżistenti huma mxejjla milli jilhqqu s-swieq u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom mhijiex awtomatikament salvagwardjata. Il-problemi ewlenin xjentifiċi u teknoloġiċi li s-CBE tindirizza huma l-kooperazzjoni insuffiċjenti tar-R&I, tal-kooperazzjoni transsettorjali u tat-trasferiment tal-għarfien dwar is-soluzzjonijiet ċirkolari b'bażi bijoloġika u sostenibbli.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-oġettiv kumplessiv huwa li titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni soċjetali lejn ekonomija sostenibbli b'bażi bijoloġika billi tiżdied ir-R&I dwar is-soluzzjonijiet sostenibbli u kompetittivi biex tiżdied iċ-ċirkolarità, l-użu tal-bijomassa, tar-residwi u tal-iskart. Għandu wkoll l-għan li jieħu approċċ reġjonali meta jiġu implimentati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs) u l-Patt Ekoloġiku tal-UE sabiex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn il-kunċett “Pjaneta f'Saħħitha”. L-oġettivi xjentifiċi huma li jtejbju l-kapaċità tar-R&I dwar soluzzjonijiet ċirkolari b'bażi bijoloġika u li jiżguraw il-kondiviżjoni aħjar tal-għarfien, fi ħdan u bejn il-ktajjen tal-valur, u fl-Ewropa, u li jinkludu r-R&I dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà. L-oġettivi ekonomiċi huma li jtejbju l-kompetittività tar-reġjuni Ewropej fis-settur u li jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-suq tal-industrija Ewropea b'bażi bijoloġika billi jżommu l-innovazzjoni u l-bijoraffineriji ġodda fi ħdan l-Ewropa. L-oġettivi soċjetali ewlenin huma li jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari li topera b'mod sostenibbli, u li jtejbju ċ-ċirkolarità tas-settur b'bażi bijoloġika, u b'hekk itejbju l-impronta ambjentali tiegħu.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-inizjattiva tgħaqqad l-għarfien espert u t-teknoloġiji disponibbli fl-Istati Membri tal-UE, fir-reġjuni u fil-ktajjen tal-valur, u b'hekk toħloq sinerġiji addizzjonali. Il-proġetti tas-CBE jistgħu jingħaqdu ma' proġetti nazzjonali u ma' proġetti appoġġati mill-fondi strutturali u reġjonali tal-UE. L-indirizzar tal-biċċa l-kbira tal-ostakli għal ekonomija b'bażi bijoloġika mhuwiex responsabbiltà nazzjonali, iżda huwa pjuttost soġġett għar-regolament fil-livell tal-UE, bir-regoli pereżempju dwar: l-aspetti tal-provvista tal-bijomassa sostenibbli; il-ġibda tas-suq permezz ta' miri; l-istandardizzazzjoni tal-prodott; l-iskemi tat-tikkettar u tal-akkwist pubbliku ekoloġiku; u l-prestazzjoni ambjentali. Mingħajr l-intervent fil-livell tal-UE, ikun hemm azzjoni insuffiċjenti fil-livell nazzjonali.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
L-għażliet li ġejjin ġew ikkunsidrati bħala mezz ta' appoġġ għar-R&I: sejħiet għal proposti tradizzjonali skont il-programm qafas (l-għażla ta' linja bażi);

- sħubija Ewropea koprogrammata (għażla 1); u
- sħubija Ewropea istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-TFUE (għażla 3).

Għalkemm iż-żewġ għażliet ta' sħubija kienu jwettqu riżultati aħjar minn sejħiet għal proposta normali, dik istituzzjonalizzata (għażla 3) tkun aħjar minn dik koprogrammata. Din l-għażla kellha l-ogħla punteġġ kumplessiv, minħabba impatti ekonomiċi u soċjali potenzjali akbar u koerenza akbar ma' programmi esterni.

L-għażla 3 hija l-arranġament preferut għar-raġunijiet li ġejjin:

- Tista' tikseb b'mod effettiv l-oġettivi tal-programm billi tinvolvi sħab industrijali u atturi oħra impenjati (pereżempju l-Istati Membri, ir-reġjuni, l-akkademja u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) li jaħdmu flimkien fil-kuntest ta' mudell ta' governanza xieraq.
- Hi tipprovdi trasparenza adegwata u aċċess miftuħ fl-għażla tal-prijoritajiet u tal-oġettivi u l-involviment ta' sħab u tal-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur kollha, minn setturi, ambjenti, dixxiplini differenti, inklużi l-atturi internazzjonali (fejn ikunu rilevanti u mingħajr interferenza mal-kompetittività Ewropea).
- Il-proċeduri fformalizzati tagħha se jippermettu l-parteċipazzjoni tal-SME, kif ukoll id-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati.
- Hi tipprovdi addizzjonalità għolja, jiġifieri potenzjal għoli għall-istrutturar tal-industriji b'bażi bijoloġiċi.
- Hi tiżgura direzzjonalità billi tifformalizza l-impenji tas-sħab biex jintlaħqu l-miri speċifiċi, li eventwalment se jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika fil-livell għoli.
- Dwar il-finanzjament, din tiżgura kontribuzzjonijiet finanzjarji u/jew *in natura* minn sħab għajr dawk tal-UE ta' bejn il-50 % u l-75 % tal-baġit totali tas-sħubija Ewropea. Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira tal-impenn finanzjarju se jkun *in natura* u — sa ċertu punt — jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji fi ħdan proġetti aktar milli fil-livell tal-programm.
- Il-koerenza u s-sinerġiji tagħha fi ħdan ix-xenarji tar-R&I tal-UE se jiġu żgurati permezz ta' ftehimiet formali bejn l-inizjattiva proposta u inizjattivi oħra, kif ukoll permezz ta' stabbiliment ta' aġenda kokreattiva u l-impenn tat-tim ta' appoġġ.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-maġġoranza (aktar minn 50 %) tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika indikaw li l-biċċa l-kbira tal-oġettivi tas-sħubija kienu essenzjali, b'mod partikolari li jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE. Ir-rispondenti raw l-iżvilupp tal-konsorzji, il-katini tal-valur Ewropej u t-teknoloġija bħala vantaġġi, iżda kkunsidraw l-piż amministrattiv bħala żvantaġġ. L-akbar problema hija kkunsidrata l-lakuna tal-innovazzjoni tal-UE biex ir-riżultati ta' riċerka jissarrfu fi prodotti innovattivi ċirkolari b'bażi bijoloġika. Il-maġġoranza (aktar minn 50 %) jikkunsidraw l-involviment tal-industrija bħala rilevanti ħafna, u l-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tas-sħubija bħala waħda korretta. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati (54 %) li wiegħbu għall-konsultazzjoni jikkunsidraw sħubija istituzzjonalizzata bħala l-aqwa arranġament biex jiġu indirizzati l-problemi, ġie nnutat appoġġ aktar baxx miċ-ċittadini.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?

L-atturi kollha fl-ekonomija b'bażi ekoloġika jistgħu potenzjalment jibbenefikaw **ekonomikament**, billi jippermettu żvilupp reġjonali/lokali bbilanċjat. Huwa mistenni dħul ogħla u aktar sikur għall-produtturi primarji tal-bijomassa, anki f'dawk ir-reġjuni inqas favorevoli. Benefiċċji oħra huma t-tkabbir ekonomiku

għall-SMEs, ingranaġġ aktar b'saħħtu tal-investimenti għall-bijoraffineriji u tal-operaturi ekonomiċi tagħhom (atturi industrijali), u l-involviment fit-tul u l-impenn tal-atturi kollha. Il-muniċipalitajiet u r-reġjuni huma mistennija li jiggwadanjaw billi jiffrankaw mill-kostijiet tar-rimi tal-iskart bijoloġiku. L-impatt soċjetali huwa mistenni li jkun aċċess imtejjeb għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi b'bażi bijoloġika fl-Ewropa, ir-responsabbilizzazzjoni ta' komunitajiet lokali/reġjonali biex jiġġestixxu r-riżorsi naturali tagħhom, u l-ħolqien (jew ir-rikonverżjoni mtejjba) ta' bażi ta' manifattura lokali/reġjonali ġdida. L-atturi tas-suq bħas-sidien tal-marka u l-konsumaturi se jkollhom aċċess għal aktar prodotti sostenibbli. L-aktar importanti huma l-impatti ambjentali. Il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-bijomassa b'mod aktar sostenibbli u l-użu tal-bijomassa bħala materja prima se jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u jgħinu jevitaw il-kunflitti mal-produzzjoni tal-ikel, l-estrazzjoni żejda tal-bijomassa, u t-tibdiliet mhux sostenibbli tal-użu tal-art. Dan se jgħin biex jiġu preservati u restawrati l-ekosistemi u l-bijodiversità. Il-produzzjoni ta' ċirku magħluq u l-valorizzazzjoni tal-bijoskart se jżidu ċ-ċirkolarità. Is-CBE se ttejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katini tal-valur, pereżempju, billi tirkupra n-nutrijenti għall-agrikoltura u għall-forestrija mill-flussi tal-iskart (inkluż l-ilma mormi) u r-residwi agrikoli.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)? Peress li l-għażla 3 tibni fuq l-istruttura eżistenti tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika, se tinvolvi l-kostijiet operazzjonali ta' uffiċċju ta' Impriża Konġunta għad-durata tal-inizjattiva. Dan se jinvolvi EUR 30 miljun f'kostijiet amministrattivi għan-negozji u l-istess ammont għall-UE. Dan jirrappreżenta 1-2 % tal-kostijiet kumplessivi tal-inizjattiva. Dan il-kost huwa fil-biċċa l-kbira paċut mill-benefiċċji msemmija hawn fuq, u b'mod partikolari mill-effetti tal-ingranaġġ tal-kofinanzjament biex tintlaħaq l-iskala tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-għanijiet ambizzjużi. Mhumiex mistennija impatti negattivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali jew kostijiet tal-konformità.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività? Mhumiex mistennija effetti negattivi fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività. L-impatti kollha huma mistennija li jkunu pożittivi. Abbażi tal-esperjenza pożittiva ħafna mal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (l-involviment qawwi tal-SME fil-proġetti, inkluża l-koordinazzjoni tagħhom), l-għażla 3 għandha punteġġ għoli f'dan il-qasam.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Mhumiex mistennija impatti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali jew diffikultajiet fl-implimentazzjoni.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra? Le, għaliex ġew deskritti kollha hawn fuq.
Proporzjonalità? L-għażla ppreferuta tipprovdi l-elementi kollha biex jintlaħqu l-oġġettivi u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tiġi solvuta l-problema.
D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
F'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita fir-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa, l-evalwazzjoni interim se titwettaq mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tal-bidu tal-inizjattiva, u evalwazzjoni finali mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiemha.